MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 75/2011

**Carmelo Muscat u martu Antoinette Muscat, Andrew Muscat, Carmela Attard, Maria Dolores Muscat kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' l-imsiefra Salvina Muscat**

**Vs**

**John Muscat**

**Saviour Muscat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf ta' l-atturi li jaqra hekk:

(1) Illi Marjanu Muscat gia iben Peter Paul Muscat u Grace nee' Pisani miet fin-Nadur, Ghawdex nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002).

(2) Illi l-imsemmi Marjanu Muscat irregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti t-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro l-ewwel wiehed tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) u t-tieni wiehed tal-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002).

(3) Illi permezz ta' dawn it-testmenti huwa halla legat fil-persuna ta' ohtu Maria Dolores Muscat, tal-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru MAR 531 u tad-drittijiet kollha spettanti mill-wirt ta' missieru fuq porzjon art fi triq Sant'Indrija Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' circa tmintax punt hamsa metri kwadri, konfinanti mil-lvant mat-triq, tramuntana ma' beni ta' Giuseppa Sultana, punent ma' Joseph Sultana u nofsinhar ma' l-istess prelegatarja Maria Dolores Muscat.

(4) Illi huwa nnomina mbaghad lill-kontendenti kollha f'din il-kawza minbarra l-attrici Antoinette Muscat flimkien ma' ommu Grazia Muscat, bhala eredi universali tieghu fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom.

(5) Illi ommu Grazia Muscat mietet fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) u skond it-testmenti taghha wirtuha wkoll il-kontendenti f'din il-kawza; u ghalhekk sehemha nqasam fuq il-kontendenti f'din il-kawza, minbarra l-attrici Antoinette Muscat.

(6) Illi l-imsemmi Mariano Muscat ordna illi kemm-il darba xi hadd minn l-eredi tieghu jattakka t-testmenti tieghu; jew ma jersaqx ghall-qasma finali skont kif minnu ordnat; jew ma jiffirmawx l-immissjoni fil-pussess tal-legat ordnat; tali werriet jew werrieta jitilfu kull beneficcju mholli lilhom bit-testmenti tieghu.

(7) Illi Maria Mercieca armla ta' Anthony Mercieca gia bint il-mejtin Salvatore Muscat u Giuseppa nee' Vella, mietet f'Victoria, Ghawdex nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009).

(8) Illi l-imsemmija Marija Mercieca irregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti t-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Marija Vella Magro wiehed tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u l-iehor tal-hamsa u ghoxrin (25) tas-sena elfejn u hamsa (2005).

(9) Illi permezz ta' dawn it-testmenti hija halliet prelegat a favur ta' l-atturi Maria Dolores Muscat u Carmela Attard il-fond numru disgha u tmenin (89), Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex bl-oggetti ta' go fih; halliet prelegat a favur ta' l-attrici Salvina Muscat ta' ottav (1/8) indiviz mill-fond ghoxrin (20) u wiehed u ghoxrin (21) Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex; halliet ukoll legat a favur tal-pro neputi taghha Joshua Muscat is-somma ta' hamest elef Liri (Lm5,000) kemm-il darba dan jilhaq sacerdot Kattoliku.

(10) Illi effettivament l-imsemmi Dun Joshua Muscat lahaq sacerdot kif imsemmi fit-testment ta' Maria Mercieca, u ghalhekk ibbenefika minn dan il-legat; izda l-imsemmi Reverendu Joshua Muscat miet fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u skont it-testment tieghu tas-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro previa xi legati nnomina bhala eredi universali tieghu lill-genituri tieghu cioe' lill-atturi Carmelo u Antoinette konjugi Muscat.

(11) Illi sussegwentement Maria Mercieca innominat lill-kontendenti kollha f'din il-kawza minbarra l-attrici Antoinette, bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom.

(12) Illi l-imsemmija Marija Mercieca ordnat illi kemm il-darba xi hadd minn l-eredi taghha jattakka t-testmenti taghha; jew ma jersaqx ghall-qasma finali skont kif minnha ordnat; jew ma jiffirmawx l-immissjoni fil-pussess tal-legat ordnat; tali werriet jew werrieta jitilfu kull beneficcju mholli lilhom bit-testmenti taghha.

(13) Illi l-konvenuti qeghdin flagrantament jopponu illi ssir din id-divizjoni ta' l-ereditajiet ta' Mariano Muscat u Maria Mercieca, u minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex jersqu ghal qasma bonarja, huma qed joholqu kull xkiel biex din ma ssirx, sahansitra anke fejn jikkoncerna affarijiet zghar bhal qsim tal-flus. Di piu' huma ma jridux jersqu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati ordnati.

(14) Illi l-atturi jridu illi l-konvenuti jigu ddikjarati bhala li ddekadew minn kull beneficcju mholli lilhom bit-testmenti precitati, ai termini tal-klawsoli fuq imsemmija, u dan minhabba l-inadempjenza taghhom li jersqu ghad-divizjoni u li jimmettu lil dawk minn l-atturi fil-legati lilhom imhollija; u subordinatament fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti ma takkoljix dan, huma ma jridux jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti u oltre' minn hekk iridu li dawk il-legatarji nnominati jigu mmessi fil-pussess skond kif ordnat fl-imsemmija testmenti.

(15) Illi din il-kawza qed tigi kkonfermata minn l-attur Carmelo Muscat li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

L-atturi ghalhekk talbu lil din il-Qorti:

(i) Tiddikjara illi l-konvenuti qed jopponu illi ssir id-divizjoni ta′ l-ereditajiet ta′ l-imsemmija Marjanu Muscat u Marija Mercieca, u/jew qed jirrifjutaw illi jersqu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija minn dawn it-tnejn.

(ii) Konsegwentement tiddikjara illi ai termini ta′ dak ordnat fit-testment ta′ l-imsemmija Marjanu Muscat u Marija Mercieca, iz-zewg konvenuti ddekadew minn kull beneficcju mholli lilhom minn dawk l-ereditajiet, u per konsegwenza sehmhom jakrexxi a favur ta′ l-atturi minbarra Antoinette Muscat.

Illi subordinatament u kemm-il darba din il-Qorti ma takkoljix l-ewwel zewg talbiet:

(iii) Tordna lill-konvenuti jersqu ghall-att ta′ immissjoni fil-pussess tal-legat ordant minn Marjanu Muscat a favur ta′ Maria Dolores Muscat konsistenti f′Mitsubishi Pajero, bin-numru MAR 531 u tad-drittijiet kollha spettanti mill-wirt ta′ missieru fuq porzjon art fi triq Sant′Indrija Nadur, Ghawdex tal-kejl ta′ cirka tmintax punt hamsa metri kwadri, konfinanti mil-lvant mat-triq, tramuntana ma′ beni ta′ Giuseppa Sultana, punent ma′ Joseph Sultana u nofsinhar ma′ l-istess prelegatarja Maria Dolores Muscat.

(iv) Tordna lill-konvenuti jersqu ghall-att ta′ immissjoni fil-pussess tal-legati ordnati minn Maria Mercieca a favur ta′ l-atturi Maria Dolores Muscat u Carmela Attard il-fond numru disgha u tmenin (890 triq Xandriku, Nadur, Ghawdex bl-oggetti ta′ go fih; kif ukoll a favur ta′ l-attrici Salvina Muscat ta′ ottav (1/8) indiviz mill-fond ghoxrin (20) u wiehed u ghoxrin (21) Triq San Gwann Nadur, Ghawdex; kif ukoll a favur ta′ l-atturi Carmelo u Antoinette konjugi Muscat bhala eredi ta′ binhom Reverendu Joshua Muscat konsistenti fis-somma ta′ hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

(v) Tillikwida l-bqija ta′ l-assi ta′ Marjanu Muscat u taqsamhom fost il-kontendenti minbarra Antoinette Muscat fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom.

(vi) Tillikwida l-bqija ta′ l-assi ta′ Maria Mercieca u taqsamhom fost il-kontendenti minbarra Antoinette Muscat fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom.

(vii) Tiffissa data hin u lok li fih ghandu jigi ppubblikat l-att ta' immissjoni fil-pussess u l-att ta' divizjoni minnha ordnat ai termini taz-zewg talbiet ta' qabel din.

(viii) Kemm-il darba l-assi ta' l-imsemmija jew uhud minnhom appartenenti lill-ereditajiet ta' Marjanu Muscat u Maria Mercieca ma humiex kommodament divizibbli tordna l-bejgh b'licitazzjoni taghhom u tordna li r-rikavat taghhom jinqasam bejn il-kontendenti minbarra l-attrici Antoinette Muscat fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom.

Bl-ispejjez kollha (inkluza VAT) inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-16 ta' April 2011, 2 ta' Mejju u 13 ta' Gunju 2011 u ta' l-ittri ufficcjali ta' April 2011, Gunju 2011, u Lulju 2011; u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti permezz tar-risposta guramentata rrispondew hekk:

(1) In-nullita' tal-proceduri billi stitwiti quddiem Qorti nezistenti.

(2) In-nullita' tal-proceduri billi l-maggior parti tal-proprjeta' formanti l-assi ereditarji ta' Marjanu Muscat u Maria Mercieca tikkonsisti f'ishma ndivizi ta' proprjeta' li l-ishma ndivizi l-ohra taghha tappartjeni lill-kollitiganti stess, provenjenti minn ereditajiet ohrajn ta' familjari taghhom, li ma ddahlux fil-kawza u cjoe' John Vlla, pro-ziju taghhom, u z-zijiet taghhom Rita u Ursula xebbiet ahwa Muscat (hut missierhom), ta' missierhom Peter Paul Muscat u t'ommhom Grazia nee' Pisani. Se mai, dawn il-wirtijiet ghandhom jiddahlu fil-kawza odjerna.

(3) Bla pregudizzju ghall-premess, il-klawzoli ta' dekadenza fit-testmenti msemmija huma nulli u minghajr effett.

(4) Bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qatt m'opponew ghall-qasma tal-assi ereditarji *de quo agitur* u lanqas ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati. Kwantu ghall-qasma tal-eredita', il-fatt li rrifjutaw li jersqu ghall-qasma skont kif iddettata mill-atturi ma jfissirx li rrifjutaw li jersqu ghall-qasma. Kwantu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati, (i) Maria Muscat giet immessa fil-pussess tal-legat lilha mholli minn Marianu Muscat ta' sehmu mill-assi ereditarju ta' missieru tal-art f'San Andrea, Nadur fl-istess att tad-dikjarazzjoni kawza mortis ta' Marianu Muscat fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro tat-30 ta' Lulju 2002 (ii) Maria Muscat u Carmela Attard m'hemmx ghalfejn jigu mmessi fil-pussess tal-prelegat tal-post 89, Triq Xandriku, Nadur, lilhom imholli minn Maria Mercieca permezz tat-testment taghha tad-9 t'Ottubru 2003 billi dan gie assenjat lilhom b'titolu ta' donazzjoni mill-istess Maria Mercieca waqt hajjitha b'att tat-28 t'Ottubru 2008.

(5) Illi bla pregudizzju ghall-premess, huma ma jopponux ghat-talbiet attrici purke' tigi vverifikata l-konsistenza tal-assi rispettivi tal-mejtin Marjanu Muscat u Maria Mercieca.

(6) Illi huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg talbiet attrici.

Kunsiderazzjonijiet

Din il-kawza tirrigwarda l-ereditajiet ta' Marjanu Muscat u Maria Mercieca. Din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel zewg talbiet attrici cioe' fejn intalbet dikjarazzjoni li l-konvenuti ddekadew minn kull beneficcju mholli lilhom mill-ereditajiet ta' Marjanu Muscat u Maria Mercieca u dan peress li allegatament qeghdin jopponu li ssir id-divizjoni ta' dawn iz-zewg erediatjiet u/jew qeghdin jirrifjutaw li jersqu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati.

Illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata peress li saret il-korrezzjoni necessarja. It-tieni u t-tielet eccezzjonijiet gew irtirati mill-konvenuti.

Illi l-klawzoli relevanti li qeghdin jigu nvokati mill-atturi huma jdentici ossija:

Klawzola numru 3 fit-testment ta' Marjanu Muscat tal-5 ta' April 2002

*"It-testatur jrid u jordna illi jekk xi hadd mill-werrieta ghal kwalunkwe raguni jopponi jew jattakka dana t-testment u/jew it-testment maghmul minnu f'Marzu tas-sena korrenti fuq imsemmi, anke b'mod legali, u/jew ma jersaqx ghal qasma finali skond kif stipulat f'dana t-testment u t-testment fuq imsemmi, u/jew ma jiffirmawx l-immissjoni fil-pussess u d-dokumenti kollha necessarji sabiex l-imsemmija Maria Muscat tkun tista' tgawdi fi piena u assoluta proprjeta' l-proprjetajiet imhollija*

*lilha permezz tat-Tieni Artikolu ta' dana t-testment tal-lum, allura dan ghandu jitlef ipso jure kull beneficcju lilu mholli b'dana t-testment u t-testment maghmul mit-testatur f'Marzu tas-sena korrenti, u sehemu/ha jinqasam bejn il-werrieta l-ohra kollha fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom".*

Klawzola numru 6 fit-testment ta' Maria Mercieca tad-9 ta' Ottubru 2004

*"It-testatrici trid u tordna illi jekk xi hadd mill-werrieta ghal kwalunkwe raguni jopponi jew jattakka dana t-testment, anke b'mod legali, u/jew ma jersaqx ghal qasma finali skond kif stipulat f'dana t-testment u t-testment fuq imsemmi, u/jew ma jersaqx ghall-immissjoni fil-pussess tal-proprjeta' imhollija bi prelegat fit-tieni u t-tielet artikolu ta' dana t-testment, allura dan ghandu jitlef ipso jure kull beneficcju lilu mholli b'dana t-testment, u sehemu/ha jinqasam bejn il-werrieta l-ohra kollha fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom".*

Illi hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Angela Debattista et vs Joanna Debattista et[1]:**

*"Mis-sentenza " Paolo Zammit vs Rosa Zammit " citata mill-atturi, il- parti rilevanti ghall-kawza tal-lum hija dik fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Il-klawsola komminatorja li tikkommina d-dekadenza tal-beneficcju mil- liberalitajiet lilu maghmula fit-testment jekk huwa b`xi mod jattakka l-istess testment hija valida sakemm ma tkunx kuntrarja ghal-ligi jew ghall-ordni pubbliku jew ghall-morali ; imma dan ma jfissirx illi l-beneficjarju jinkorri f`dik id-dekadenza jekk huwa jinsisti li legat ta` haga ta` haddiehor jigi interpretat mill-Qorti skond il-ligi. Dik il-klawsola komminatorja ma ghandhiex tigi estiza b`tali mod li l-beneficjarju jkolllu joqghod ghat-testment bla diskussjoni xejn jew jinkorri fid-dekadenza ; u bil-fatt li persuna persuna benefikata bit-testment titlob interpretazzjoni ta` legat ta` haga aljena u tinvoka n-nullita` tieghu dik il- persuna ma tikkedadix mil-liberalitajiet lilha mhollija bit-testment u fid- dekandenza komminata ghal min jimpunja t-testment. (sottolinear ta` din il- Qorti).*

*Diga` minn dan il-bran tohrog cara l-kawtela tal-qrati taghna fil- konsiderazzjoni ta` klawsoli ta` din ix-xorta ; in partikolari fl-ewwel lok, il-htiega li jassikuraw li klawsola bhal dik ma tkunx kontra l-ligi, kontra l-ordni pubbliku jew kontra l-morali ; u fit-tieni lok, il-htiega li klawsoli bhal dawn jinghataw interpretazzjoni stretta sabiex ikun rispettat dak li t-testatur ried jikseb bil- klawsola in kwistjoni.*

[1] Cit Nru: 908/10JZM deciza fis-27 ta' Marzu 2014

*Kien dejjem ritenut mill-qrati taghna li l-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u li meta disposizzjoni testamentarja hija cara din ghandha tinghata effett. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tas-16 ta` April 2004 fil-kawza " Maryrose Mifsud vs Av. Dr. Joseph Bartolo noe " -*

*Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett.*

*Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza " Rose Alden pro et noe vs Raphael Pace " din il-Qorti ( PA /PS ) qalet hekk –*

*Dan premess, hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' - "Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et". 13 ta' Gunju 1888 ( Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet " Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957 ;*

*Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi "quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto" - "Camilla Mallia -vs- Carlo Mamo et", Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 ( Vol. XXIV P I p 729) ;*

*Fil-konsiderazzjoni tal-klawsola mertu ta` din il-kawza, il-Qorti tibda billi tirrileva fil-kaz tal-lum il-konvenuta mhijiex tikkontesta l- validita` tal-artikolu 10 bhala tali. Infatti ma ressqet l-ebda eccezzjoni fejn eccepiet in-nullita` tal-artikolu 10. Min-naha taghha lanqas din il- Qorti ma jidhrilha li ghandha tissolleva n-nullita` tad-disposizzjoni ghal ragunijiet ta` ordni pubbliku, anke ghaliex l-effett tal-artikolu 10 mhuwiex li jaqta` barra eredi minn xi dritt vis-sa-vis l-wirt izda li l- persuna koncernata ma tibqax eredi u ssir legittimarja."*

Jehtieg issa ghalhekk li din il-Qorti tezamina dak li rrizulta mill-atti processwali:

Il-partijiet fil-kawza ad eccezzjoni ta' Antoinette Muscat huma ahwa wlied Peter Paul Muscat u Grace nee' Pisani.

Huma kellhom huhom iehor Marjanu Muscat li miet fid-29 ta' April 2002. Dan irregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dr Maria Vella Magro datati 23 ta' Marzu 2002[2] u 5 ta' April 2002[3]. Huwa halla legat lil ohtu Maria Dolores Muscat ta' vettura u tad-drittijiet kollha spettanti mill-wirt ta' missieru fuq porzjon art. Il-bqija nnomina lil hutu kollha flimkien ma' ommu Grazia Muscat bhala eredi universali tieghu fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom.

Grazia Muscat mietet fid-9 ta' Frar 2009 testata. Hija halliet bhala eredi universali taghha lil uliedha.

Fil-25 ta' Mejju 2009 mietet Maria Muscat (oht Grazia Muscat) w allura z-zija ta' l-atturi Carmelo, Andrew, Carmela Attard, Maria Dolores Muscat u Salvina Muscat u tal-konvenuti John u Saviour Muscat. Hija kienet xebba u bla tfal u rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dr Maria Vella Magro datati 9 ta' Ottubru 2004[4] u 25 ta' Jannar 2005[5].

Permezz ta' dawn it-testmenti Maria Mercieca halliet prelegati u legat a favur tal-pro-neputi taghha Dun Joshua Muscat kemm-il darba dan jilhaq sacerdot kattoliku. Fil-fatt huwa lahaq sacerdot izda miet fil-31 ta' Awwissu 2009 testat. Prevja xi legati Dun Joshua nnomina bhala eredi universali tieghu lill-genituri tieghu cioe' l-atturi Carmelo u Antoinette konjugi Muscat.

Fit-30 ta' Lulju 2002 saret id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Marjanu Muscat fl-atti Nutar Dr Maria Vella Magro[6]. Din saret mill-ahwa kollha (inkluz ghalhekk il-konvenuti) u mill-omm Grazia Muscat. Permezz ta' dan l-att, l-ahwa Muscat (ad eccezjoni ta' M'Dolores) flimkien ma' ommhom Grazia Muscat immittew fil-pussess tal-legat imholli minn Marjanu Muscat a favur ta' Maria Dolores Muscat.

[2] Dok D a fol 11
[3] Dok E a fol 12
[4] Dok I a fol 20
[5] Dok J a fol 23
[6] Dok K a fol34

Fis-6 ta' Awwissu 2009 saret id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Grazia Muscat[7] fl-atti tan-Nutar Dr Maria Vella Magro li giet iffirmata biss minn Andrew, M'Dolores, Saviour, Salvina (li dehret ghan-nom ta' M'Dolores) u Carmelo Muscat. Ghalhekk l-uniku wiehed li ma ffirmax kien il-konvenut John Muscat.

Fid-29 ta' Awwissu 2011 saret id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Maria Mercieca fl-atti tan-Nutar Dr Vella Magro[8] li giet iffirmata minn Andrew, M'Dolores, Carmelo, Salvina u Carmela Attard. Il-konvenuti ma kienux firmatarji fuq dan l-att.

Hekk kif konfermat minn Nutar Dr Vella Magro sar ukoll xi bejgh mill-proprjeta' in eredita' ta' Marjanu Muscat mill-ahwa kollha. Irrizulta wkoll li dan Marjanu Muscat kellu flus barra minn Malta li eventwalment wara hafna snin mill-mewt tieghu nqasmu bejn l-eredi. Id-dewmien izda kien dovut minhabba proceduri bankarji kif ukoll ghaliex lahqu mietu wkoll Grazia Muscat u Maria Mercieca. Infatti l-konvenuti dejjem urew id-disposizzjoni taghhom li jaqsmu l-flus ta' huhom.

In-Nutar Vella Magro xehdet li l-problemi bdew meta giet biex taqsam il-flus. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' John Muscat kemm fl-affidavit kif ukoll in kontro-ezami li in verita' l-inkwiet beda wara l-mewt ta' Maria Mercieca li kienet iz-zija ta' l-ahwa Muscat. It-testmenti taghha u d-donazzjonijiet li saru minnha ma nizzlux tajjeb mal-konvenuti. Saru xi allegazzjonijiet min-naha tal-konvenuti dwar deheb li sparixxa u dwar li z-zija kienet tibza' minn huthom l-ohra. Apparti l-fatt li tali asserzjonijiet baqghu biss allegazzjonijiet mhux pruvati, ma jridx jintesa li Maria Mercieca kienet xebba u ma kellha l-ebda obbligu thalli xi gid lil hadd partikolari. In-Nutar Vella Magro wkoll ippruvat tispjega dan lil John Muscat izda dan qisu ma fehmhiex.

Huwa ovvju li dahlu hafna dubji f'mohh il-konvenuti u ma bdewx jafdaw lanqas lill-istess Nutar ghalkemm ma rrizulta l-ebda agir skorrett min-naha taghha. Hawnhekk irid jinghad pero' li n-Nutar kienet qeghdha tiehu hsieb biss it-tqassim tal-flus u mhux tal-proprjetajiet.

Kien hemm diversi wirtijiet u kien qieghed isir tentattiv biex issir divizjoni wahda. Huwa ovvju li dahal ghall-inkarigu l-attur Carmelo Muscat. Kienu qeghdin isiru laqghat izda l-konvenuti ma kienux ikunu prezenti ghal dawn il-laqghat. Il-konvenut Saviour ighix fl-esteru u l-konvenut l-iehor ma kienx ikun prezenti. L-attur Carmelo Muscat xehed li John

[7] Dok T a fo 42
[8] Dok S a fol 40

kien qisu bhal ihalli f'idejh u imbaghad huwa kien ighidlu x'kien diskuss u jara John jaqbilx jew le. John Muscat ma jaqbilx ma' dan.

Li rrizulta zgur huwa li Carmelo Muscat baghat pjanta lil Saviour Muscat bil-posta fid-dar tieghu fl-esteru. Fl-affidavit tieghu Saviour Muscat ighid:

*"7. Fir-rigward tal-legati mhollija lili, rrid nghid li jiena qatt ma gejt infurmat illi ser tigi ppubblikata l-immissjoni fil-pussess jew xi divizjoni. Fil-fatt nghid li l-unika haga li qatt ircevejt kienet pjanta wahedha li ntbaghtet lili l-Awstralja minn hija Karmnu Muscat. Huwa talabni niffirma din il-pjanta u jiena ma accettajtx ghaliex xtaqt inkun naf din xi pjanta kienet u x'kienet tirraprezenta. Zgur li jekk kienet tfisser xi divizjoni, l-affarijiet ma kellhomx isiru hekk, izda kellhom isiru billi niltaqghu u niddiskutu kif ser jinqasmu l-beni tal-wirt ta' Marjanu u Marija. Wara din tal-pjanta qatt ma ircevejt xejn aktar u lanqas qatt ma gejt informat b'xejn. Sahansitra wara sirt naf illi qed hija kien qed jghid li qed jirraprezentani f'ittra ufficjali u f'xi kawzi kontra xi had fir-rigward ta' xi twieqi.*

*8. Jiena qatt ma gejt infurmat illi ser issir laqgha sabiex issir xi divizjoni u lanqas qatt ma gejt infurmat minn xi Nutar jew Avukat illi kienet ser issir l-immissjoni fil-pussess a favur xi hadd mil-legatarji. Nzid wkoll illi qatt ma kont prezenti waqt xi diskussjonijiet ma' huti jew dawk in-nies kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-wirt ta' hija u ta' ziti, peress illi imbaghad wkoll hemm il-kwistjonijiet tal-wirt ta' ziju Ganni Vella il-barba u ta' missieri. L-uniku kuntatt li kelli jien barra din tal-bank, kien li meta kont l-Awstralja cempilli hija Indrija, fejn qatt ma cempel fl-40 sena li ilni hem biex gaghlni niffirma il-karta tal-pjanta u tat-twieqi."*

In kontro-ezami spjega li qatt ma kellu oggezzjoni li jinqasam il-wirt ta' huh Marjanu. Dwar ta' Maria Mercieca li mietet 8 snin ilu ma riedx ghax ma kienx jaf f'hiex kien jikkonsisti l-wirt. Huwa xehed li qatt ma nghata xi dokumenti min-Nutar li gie kkonfermat ukoll minnha li qatt m'ghaddietlu dokumenti. Xehed li halla f'idejn l-avukat biex taghmel ricerka. Saviour Muscat xehed li mhux qieghed jaqbel x'hemm u m'hemmx ghaliex jallega li whud minn hutu hadu kull ma kien hemm gewwa fid-dar taz-zija. Huwa spjega li John Muscat ilu bil-prokura wahda ghal madwar sentejn.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuti hallew hafna zmien ighaddi biex jivverifikaw il-konsistenza tal-wirt ta' Maria Mercieca. Il-Qorti tattira l-attenzjoni ta' l-istess konvenuti li permezz ta' l-ittra tan-Nutar tas-6 ta' Awwissu 2011 tathom l-informazzjoni kollha dwar il-flus u s-shares li kienu jappartjenu liz-zija u anki f'liema denominazzjoni kienu. Dan apparti li bhala eredi setghu ghamlu anki l-verifiki taghhom. Maghdud ma' dan saret anki d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Maria Mercieca w allura kien hemm indikazzjoni cara tal-proprjeta' li kien hemm ghall-qasma, apparti l-fatt li setghu gew ordnati r-ricerki. Ghall-Qorti ghalhekk huwa

evidenti li l-konvenuti minhabba li mhux kuntenti bit-testment ta' Maria Mercieca qeghdin ikaxkru saqajhom.

Madankollu lanqas jirrizulta li l-atturi, specjalment l-attur Carmelo Muscat, ma mxew bl-ahjar mod. Huwa ovvju li Carmelo Muscat ha r-ridni f'idejh, anki jekk forsi b'intenzjoni tajba, izda l-affarijiet ma kienux qeghdin isiru fit-trasparenza. Hadd ma jiehu gost li jkollu decizjonijiet imposti fuqu – kaz tipiku huwa l-pjanta mibghuta lil Saviour Muscat fl-esteru.

Irrizulta li ghal dak li jirrigwarda d-divizjoni ta' Marjanu Muscat il-konvenuti dejjem urew li kienu disposti li jaqsmu. Infatti ffirmaw id-dikjarazzjoni causa mortis, saret ukoll immissjoni fil-pussess u ressqu l-Bank biex jiffirmaw sabiex jinqasmu l-flus. Id-dewmien biex jinqasmu l-flus ma kienx attribwibbli ghall-konvenuti.

Oltre' dan irrizulta mill-atti li la n-Nutar Vella Magro u l-ebda Nutar iehor ma gie inkarigat biex ighajjat xi laqgha dwar il-proprjeta' in divizjoni jew li hejja xi abbozz ghad-divizjoni jew ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati. Verament li dwar il-legati mhollija minn Maria Mercieca il-konvenuti ddikjaraw li ma jridux jimmettu fil-pussess u ma jridux jaqsmu sakemm ikunu infurmati b'kollox u jkunu partecipi ghad-decizjonijiet.

Referenza ssir ukoll ghax-xhieda in kontro-ezami ta' Andrew Muscat (wiehed mill-atturi) meta qal : *"Mistoqsi jekk ahna hadniex id-decizjonijiet, nghid illi ahna ghamilna d-draft, ghandna d-draft tal-pjanta illi giet ezebita llum immarkata bhala Dok FA1 dwar ir-raba'. Fuq affarijiet ohra kien hemm xi postijiet u raba' iehor pero' ahna bdejna minn dik ir-raba"*.

Kwindi huwa ovvju li qatt ma kien hemm pjan ta' qasma finali ghaliex lanqas saru diskussjonijiet fuq kollox. Hekk kif inghad fil-gurisprudenza, klawzoli testamentarji li jwasslu ghal dekadenza ta' beneficcji jridu jinghataw interpretazzjoni stretta filwaqt li trid tigi rispettata l-volonta' tat-testatur. Ma jfissirx pero' li whud mill-eredi jridu jaccettaw dak kollu li jigi impost fuqhom minn ohrajn minghajr ma jistaqsu sempliciment ghaliex jigu rinfaccjati bi klawzola bhal din in dizamina. Fil-kaz *de quo* l-klawzola tispecifika li l-eredi jitlef il-beneficcju lilu imholli fit-testment jekk (i) *'ghal kwalunkwe raguni jopponi jew jattakka dana t-testment, anke b'mod legali'* – li mhux il-kaz; u/jew (ii) *'ma jersaqx ghal qasma finali skont kif stipulat f'dana t-testment'* – ma jirrizultax li kien hemm abbozz ta' qasma finali u li l-konvenuti ssejhu biex jiffirmaw u ma marrux; u/jew (iii) *'ma jersaqx ghall-immissjoni fil-pussess tal-proprjeta' imhollija bi prelegat'* – Maria Mercieca mietet fid-9 ta' Ottubru 2004 u sallum ghadu ma sarx kuntratt ta' immissjoni fil-pussess minn hadd. Lanqas nutar ma tqabbad biex jithejja abbozz.

Ghalhekk in vista ta' dan ma jistax jinghad li hemm l-estremi biex il-konvenuti jitilfu l-beneficcji mhollija lilhom minn huhom u z-zija taghhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tilqa' r-raba' eccezzjoni u tichad iz-zewg talbiet attrici.

Bl-ispejjez inkwantu ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet a karigu tal-konvenuti, il-bqija ta' l-ispejjez a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------